**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**

**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**DEGRIET KAMERALI**

**F'l-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta'**
**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1155/2024DC**
**f'l-ismijiet**

***Ferretti Catering Limited C43881***

***vs***

***Rita Xerri (KI 497374M) u***
***Gaetano Xerri (KI 332972M)***

Illum, 29 ta' Lulju 2024

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni preżentat fl-10 ta' Lulju 2024 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi r-rikorrenti talbet lil din il-Qorti żżomm lill-intimai milli:

*Jbiegh, ineħħi, jittrasferixxi jew iiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjetà, u b'mod partikolari*

1. *i Il-maisonette li jinsab 'semi basement level', cioe' maghruf l-ewwel livell, mighajr l-arja relattiva tieghu, mhux ufficjalment immarkat bin-*

*numru sitta (6), u minghajr isem, u liema maisonette jifforma parti minn blokk bla numru u bla isem, izda mhux ufficcjlament immarkat bl-ittra "D", fit Triq il-Hamrija, Marsaskala, formanti parti minn blokk ta' bini, konsistenti f'kumpless ta' garages fil-'basement level, maisonette u hwienet fil-'ground floor level', u flats sovrastanti, u liema maisonette huwa ezenti mir-rata tieghu ta' cens annwu u perpetu u konfinanti min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, u mill-irjihat l-ohra ma` proprjeta' ta' C&M Building Contractors Limited jew is-successuri tagħha fit-titolu. L-istess maisonette huwa sottopost u huwa sovrapost ghall-proprjeta' ta' terzi u jigi fuq in-naha tal-lemin meta wiehed ihares lejn l-istess blokk ta' bini mill-faccata. Inkluz mal-istess maisonette hemm il-komunjoni flimkien mal-flats l-ohra u mal-maisonette l-iehor flimsemmi blokk, tal-katusi u tad-drains u d-drenagg, u tal-ilma tax-xita;*

*ii Il-garage minghajr l-arja relattiva tieghu, internamet immarkat bin-numru tlettax (13), jinsab f'basement level liema garage jifforma parti mill-fuq imsemmi garage complex, sottopost ghal fuq imsemmi blokk ta' bini, liema garage huwa ezenti mir-rata tieghu ta' cens annwu u perpetwu. L-istess garage jinkludi mieghu l-komunjoni mal-garages l-ohra kollha fl-imsemmi kumpless, ta' dawk il-partijiet intizi ghall-uzu komuni, u cioe' tad-drive in, u garage jikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija 'drive in', u mill-Lvant u Punent ma proprjeta tal-kumpanija venditrici.*

*L-imsemmi kumpless ta' bini gie zviluppat fuq porzjoni diviza ta' art, maghrufa bhala "Tan-Nadur", f'Marsascala, tal-kejl ta' elfejn sitt mija u wiehed u disghin punt sebgha metri wadri (2,691.7m2), liema porzjoni art tikkonsisti fil-plots numri hdax (11) sa erbgħa u ghoxrin (24), iz-zewg numri inkluzi, konfinanti mit-Tramuntana ma` Triq Patri Wistin Born, min-Nofsinhar ma` Triq in-Nadur, u mill-Punent ma` Triq il-Hamrija, jinsabu ahjar indiakti fuq pjanta annessa ma` kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, tas-sbatax (17) ta' Gunju, tas-sena elfejn u tlieta (2003).*

*2. i L-appartament internament immarkat bin-numru wiehed ittra 'A' (1A), fil-'ground floor level' u cioe' t-tielet livell tal-bini, kif sovvrappost u sottopost ghall-proprjeta' ta' terzi, formanti parti mill-blokka bl-ittra 'A', formanti parti mill-kumpless maghruf bħala "Celadine Court", fi Triq Wenzu Dalli, Hal Ghaxaq. Dan l-appartament huwa konfinanti nit-Tramuntana minn beni ta' Tan-Nadur Limited, Raymond Camilleri, Natalina Camilleri u Marlene Attard Mizzi jew s-successuri taghhom fit-titolu u mix-xlokk mill-imsemmija Triq Dalli u mill-Punent minn*

*proprjetà ta' terzi jew rjieh verjuri. Il-Blokk li minnu l-appartament jifforma parti huwa konfinanti mit-Tramuntana ma' Block B mill-kumpless proprjeta' ta' Tan-Nadur Limited, Raymond Camilleri, Natalina Camilleri u Marlene Attard Mizzi jew s-successuri taghhom fit-titolu u mix-xlokk minn Triq Wenzu Dalli u mill-Majjistral ma proprjeta' ta' terzi jew rjieh verjuri.*

*ii Il-garage internament immarkat bin-numru hamsa (5), li jinsab fl-ewwel livell ta' (level -1), li jiġi t-tieni sular tal-binja, formanti parti mill-kumpless ta' garaxxijiet sottostanti ghall-kumpless imsemmi "Caledine Court" fi Triq Wenzu Dalli, Hal Ghaxaq. Limsemi garage huwa konfinanti mit-tramuntana mill-garage numru sitta (6), minhofsinhar mill-garage internament immarkat numru erbgha (4) u mil-lvant mal-partijiet komuni tal-kumpless ta' garaxxijiet proprjeta' ta' Tan-Nadur Limited, Raymond Camilleri, Natalina Camilleri u Marlene Attard Mizzi jew s-successuri taghhom fit-titolu, jew irjieh verjuri.*

Rat id-degriet tagħha mgħoti fl-10 ta' Lulju 2024 permezz ta' liema laqgħet it-talba tar-rikorrent proviżorjament, ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimati bi żmien għar-risposta u appuntat ir-rikors għas-smigħ għall-25 ta' Lulju 2024.

Rat li waqt dik l-udjenza dehru l-intimati assistiti u taw ruħhom b'notifikati bir-rikors. Aktar minn hekk iddikjaraw li, filwaqt li qed jikkontestaw il-premessi fir-rikors, huma m'għandhom l-ebda intenzjoni li jbiegħu l-propjeta fuq imsemmija u li għalhekk jirrimettu ruħhom, dan pero mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tagħhom dwar il-mertu tal-kawża.

Rat il-verbal tal-istess udjenza meta r-rikors tħalla għal provediment kamerali.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi mill-atti tal-mandat jidher li t-talba tar-rikorrenti tissodisfa l-ħtiġijiet kollha tal-Liġi. Aktar minn hekk l-intimati mhux qed jikkontestaw it-talba odjerna,

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' definittivament it-talba dedotta fir-rikors tal-10 ta' Lulju 2024. Ai fini ta'l-artikolu 874(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li dan id-digriet jiġi notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur ta' l-Artijiet fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa biex jirreġistraw il-

mandat kif trid il-liġi. L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

In konkluzzjoni l-Qorti tordna li kopja ta' dan id-degriet jiġi notifikat eletronikament lil Dr Karl Grech u Dr Ismael Vella.

**DR DOREEN CLARKE**
**IMHALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REGISTRATUR**